

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

**2008/2014(INI)**

17.7.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja  
(2008/2104(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eugenijus Maldeikis

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja għandhom potenzjal ekonomiku kbir, li ż-żewġ naħat jibbenefikaw minn integrazzjoni ekonomika akbar u relazzjonijiet ta' viċinanza tajba u li l-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja tikkontribwixxi b'mod deċisiv biex tiżgura l-istabilità fl-oqsma kollha li fihom għandhom interessi reċiproki u li jikkoinċidu;
2. Jirrimarka li, b'7.3% tal-kummerċ tal-UE, ir-Russja hija t-tielet sieħeb kummerċjali l-aktar importanti u li, b'52.9% tas-sehem tal-kummerċ Russu, l-UE hija s-sieħeb kummerċjali l-aktar importanti tar-Russja;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni tal-mandat ta' negozjar, u jikkunsidra l-konklużjoni ta' ftehma ġdida bħala prijorità għolja; ifakkar li l-UE u r-Russja għandhom ifitxxu li ikollhom relazzjoni ta' sħubija strateġikament, sostenibbli u dewwiema bbażata fuq valuri kondiviżi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u fuq il-prinċipji tar-reċiproċità, it-trasparenza, il-prevedibilità, l-affidibilità, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-azzjonijiet responsabbli mill-Istat, u għandhom isaħħu l-koperazzjoni tagħhom notevolment fl-oqsma tal-enerġija u l-kummerċ;
4. Itenni l-importanza tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jaħdmu flimkien għall-iżvilupp ta' pożizzjoni uniformi u koerenti fir-rigward tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u r-Russja, notevolment fil-kwistjoni sensittiva tal-enerġija, filwaqt li jevitaw li kull strateġija unilaterali u privileġġata; u li l-ftehimiet indiviwalni bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Russja għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali tas-sigurtà tal-enerġija għall-UE;
5. Iqis li l-ftehma l-ġdida għandha tirrevedi b'mod pragmatiku l-prinċipji u l-oġettivi, l-għanijiet, il-mezzi u l-politiki għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn ir-Russja u l-UE sabiex jipromwovu l-istat ta' dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-djalogu u l-interessi reċiproċi;
6. Jemmen li flimkien man-negozjati għal Ftehma ġdida bejn l-UE u r-Russja, l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO għandha tibqa' prijorità għall-UE;
7. Jemmen li l-adeżjoni ġejjiena tar-Russja mad-WTO hija ta' importanza kbira għall-ġejjieni tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn ir-Russja u l-UE ladarba din tiftaħ il-possibilità għal integrazzjoni ekonomika aktar profonda bejn l-UE u r-Russja; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem sabeix jintlaħaq l-għan li tiġi nnegozjata ftehma ta' kummerċ ħieles profonda u komprensiva wara l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO, li tkopri l-kwistjonijiet rilevanti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fil-prodotti, s-servizzi u l-investimenti, inkluż il-qasam tal-enerġija, li tkompli tiżviluppa għanijiet li diġà hemm qbil dwarhom; jitlob li kwalunkwe ftehma kummerċjali mar-Russja tinkorpora klawnsoli soċjali u ambjentali li jinkludu r-ratifikkazzjoni u l-infurzar tal-istandards ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

8. Iħeġġeġ lir-Russja biex issib soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet pendenti li għandhom jiġu diskussi b'mod bilaterali u fil-qafas multilaterali, inkluża l-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali li diġà ntlaw bħalma hija l-ftehma mal-KE tal-21 ta' Mejju 2004 li tikkonkludi n-negozjati bilaterali dwar l-aċċess għas-suq fir-rigward ta' adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fid-WTO;
9. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex itejbu l-klima tal-investiment u l-kummerċ, u l-kondizzjonijiet għall-kompetizzjoni fir-Russja; jenfasizza l-importanza, f'dan ir-rigward, tal-promozzjoni ta' qafas b'kundizzjonijiet li mhumiex diskriminatorji, u li huma trasparenti u prevedibbli, li jipperfezzjona l-ħarsien ta' investiment barrani b'mod konformi mal-istandards OECD irrikonoxxuti internazzjonalment, li jtejbju d-dispożizzjonijiet legali u proċeduri ta' infurzar fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet intellettuali, tan-negozju u tal-proprjetà kummerċjali u li jwasslu għal riformi legali biex jassiguraw protezzjoni ġenwin tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u proċeduri kriminali aktar rapidi; iħeġġeġ lill-Gvern Russu biex jagħmel il-proċeduri tad-dwana tiegħu razzjonalizzati, standardizzati u awtomatiċizzati;
10. Jenfasizza li l-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-kumpaniji għandhom jiġu ffaċilitati fuq bażi reċiproka; jirrimarka li l-UE hija miftuħa għall-investiment mir-Russja, kif tixhed b'mod ċar il-preżenza ta' impriżi Russi li qiegħdha dejjem tiżdied, b'mod partikulari fis-setturi tal-enerġija u l-azzar; iħeġġeġ għalhekk li l-impriżi barranin li qed jaħdmu fis-settur Russu tal-materja prima jiġu mogħtija l-istess aċċess bħall-impriżi domestiċi;
11. Ifakkar li l-kwistjonijiet pendenti prinċipali għall-UE għandhom x'jaqsmu mad-dazji fuq l-esportazzjoni u t-tariffi ferrovjarji iżda jirrelataw ukoll mal-istabilità u l-prevedibilità ġejjiena tas-sistema; jenfasizza l-importanza tal-espansjoni tal-kummerċ agrikolu u tal-ikel bejn ir-Russja u l-UE; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li għandu jsir progress miż-żewġ naħat fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti għal standards razzjonalizzati u formalitajiet kompjuterizzati tad-dwana biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ reċiproku u t-traffiku transkonfinali; jenfasizza l-bżonn li r-Russja tarmonizza r-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji għall-prodotti tal-ħalib, tal-qamħ u tal-laħam.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.7.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali fil-kumitat</b>	+: 24 -: 3 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Graham Booth, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Syed Kamall, Caroline Lucas, Marusya Ivanova Lyubcheva, Erika Mann, Helmuth Markov, Georgios Papastamkos, Tokia Saïfi, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Iuliu Winkler, Corien Wortmann-Kool
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Eugenijus Maldeikis, Rovana Plumb, Salvador Domingo Sanz Palacio, Carl Schlyter, Zbigniew Zaleski
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emanuel Jardim Fernandes, Francesco Ferrari